# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn 31 ta' Jannar 2022**

Rikors Nru. **1082/2013ISB**

**Brian Tonna bhala stralcjarju tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C35708) u b'digriet tat-22 ta' Gunju 2021, Michael Spiteri Bailey assuma l-atti minflok Brian Tonna**

**VS**

**Luciano Rotondi, Andrea Ratti u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2018 Dr Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Luciano Rotondi u Andrea Ratti, Enzo Rescinti, Bruno Lago (flimkien diretturi ufficjali) u Vincenzo Viscione, Paolo Viscione, u Giovanni Sidoti (flimkien "Diretturi Mohbija") (Ikoll Diretturi)**

***DIN HIJA SENTENZA PARZJALI ILLI TITTRATTA U TIDDECIEDI IR-RABA` ECCEZZJONI MRESSQA MINN UHUD MILL-INTIMATI FIR-RISPOSTA TAT-28 TA' MARZU 2014 (FOL 292)***

Il-Qorti :

Rat ir-**rikors** prezentat fil-11 ta` Novembru 2013 li permezz tieghu ir-rikorrent stralcarju tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) talab sabiex termini tal-artikolu 316 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti sabiex:

*i. tiddikjara li ma kienx hemm prospett xieraq li l-EIG tevita xxoljiment minhabba l-insolvenza taghha;*

*ii. tiddikjara li d-Diretturi, jew min minnhom, kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu qabel ix-xoljiment tal-EIG, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-EIG tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha;*

*iii. tiddikjara lill-intimati responsabbli li jaghmlu pagament favur l-attiv tal-EIG, kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq; u*

*iv. tordna l-hlas ta` dan l-ammont.*

*Bl-ispejjez.*

U dan wara illi l-istess stralcarju ippremetta:

***<u>Introduzzjoni</u>***

*1. Wara li kienet ilha rregistrata Malta mill-21 ta` Frar 2005 (Kopja tac-certifikat ta` registrazzjoni hawn anness u mmarkat Dok "A"), EIG giet illicenzjata mill-Malta Financial Services Authority ("MFSA") biex tipprovdi servizzi ta` assikurazzjoni b`effett mit-22 ta` Novembru 2007 (Kopja tal-licenzja hawn annessa u mmarkata Dok "B"). L-awtorizzazzjoni kienet biex EIG tkopri riskji fl-Italja, b`dan li ma setghetx ikollha stabbiliment hemmhekk.*

*2. B`effett mis-26 ta` April 2010, EIG giet ipprojbita mill-awtoritajiet Taljani (Istituto per la Vigilanza sulle Assicurazioni Private e di Interesse Collettivo ("ISVAP")) li tidhol f`aktar kuntratti ta` assikurazzjoni fl-Italja (Kopja tal-provvediment tal-ISVAP hawn anness u mmarkat Dok "C").*

*3. Il-licenzja li kellha EIG biex tipprovdi servizzi ta` assikurazzjoni giet irrevokata mill-MFSA fit-12 ta` Lulju 2010 (Kopja tal-ittra annessa u mmarkata Dok "D").*

*4. B`effett mis-6 ta` Awwissu 2010, EIG tqieghdet f`amministrazzjoni mill-MFSA: l-amministratur mahtur kien Raphael Aloisio, ta` Deloitte (Kopja tal-ittra annessa u mmarkata Dok "E").*

*5. Ir-rikorrent Brian Tonna gie mahtur mill-MFSA bhala stralcjarju ta` EIG b`effett mid-29 ta` Settembru 2011 (Kopja tal-ittra annessa u mmarkata Dok "F").*

*6. EIG hi nsolventi.*

*7. Ir-rikorrent jghid li d-Diretturi Ufficjali jew min minnhom, kif ukoll id-Diretturi Mohbija bhala l-persuni li skont id-direzzjoni u/jew istruzzjonijiet taghhom id-Diretturi Uficcjali ta` EIG kienu normalment jagixxu, kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu qabel ix-xoljiment tal-EIG, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-EIG setghet tevita x-xoljiment minhabba linsolvenza taghha. Ghalhekk ir-rikorrent Brian Tonna qed jitlob ir-rimedju kontemplat fl-artikolu 316 tal-Kap. 386 kontra d-Diretturi Ufficjali, jew min minnhom, u kontra d-Diretturi Mohbija.*

***<u>EIG bhala kumpannija</u>***

*8. Kif inghad, EIG twieldet bhala kumpannija fil-21 ta` Frar 2005 (Ara Dok "A").*

*9. Il-kapital azzjonarju awtorizzat u mahrug tal-EIG kien ta` hames mitt Liri Maltin (Lm500) maqsum f`hames mitt (500) sehem ta` lira Maltija (Lm 1) il-wahda, interament sottoskritt kif gej: (i) COMPAGNIA GENERALE SERVIZI E FINANZA CO.GE.S.FIN. LIMITED (kumpannija Ngliza bin-numru 5265693) ("COGESFIN") (Id-direttur ta` COGESFIN huwa Paolo Viscione sa mid-29 ta` April 2011. Il-kapital azzjonarju ta` COGESFIN huwa ta` GBP 4,701,000 maqsum f`4,701,000 sehem ta` lira Sterlina (GBP 1) il-wahda, interament sottoskritt kif gej: (i) Giovanni Sidoti b`erba` mija u sebghin elf u mitt (470,100) ishma; u Paolo Viscione b`erba` miljun mitejn u tletin elf u disa` mitt (4,230,900) sehem (ara kopja tal-prospett annwali ta` COGESFIN sad-data 31 ta` Awissu 2012, hawn annessa u mmarkata Dok "G") b`erba` mija disgha u disghin (499) ishma; u (ii) Prof.*
*Luciano Rotondi bir-rimanenti sehem wiehed. L-ewwel direttur ta` EIG kien listess Prof. Luciano Rotondi (Kopja tal-ewwel memorandum u statut ta` assocjazzjoni tal-EIG hawn anness u mmarkat Dok "H").*

*10. Fil-5 ta` Novembru 2007, il-kapital azzjonarju awtorizzat tal-EIG zdied ghal hames miljun u hames mitt elf Ewro (€5,500,000) maqsum f`hames miljun u hames mitt elf (5,500,000) sehem ta` Ewro (€1) il-wiehed. COGESFIN issottskriviet ghal hames miljun erba` mija u tmienja u disghin elf u tmien mija u erbghin (5,498,840) ishma ohra ta` Ewro (€1) is-sehem (Kopja tal-Form H dwar l-ghoti ta` ishma rregistrata mar-Registratur tal-Kumpanniji hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok "I").*

*11. Il-kompozizzjoni ufficjali tal-Bord tad-Diretturi tal-EIG tbiddlet minn zmien ghal zmien. It-tibdil huwa rifless fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok "J". Apparti d-Diretturi Ufficjali, id-Diretturi Mohbija kienu jaghtu struzzjonijiet u jiddirigu lid-Diretturi Ufficjali, jew min minnhom u dawn, jew min minnhom, kienu normalment jagixxu skont tali direzzjoni u struzzjonijiet.*

***<u>L-operat ta` EIG jitwaqqaf mill-awtorijiet u EIG titqieghed f`amministrazzjoni</u>***

*12. Kif indikat iktar `l fuq, il-licenzja li l-EIG kienet inghatat biex tipprovdi servizzi ta` assikurazzjoni fis-suq Taljan giet irrevokata mill-MFSA b`effett mit-12 ta` Lulju 2010 (Kopja tal-ittra mibghuta mill-MFSA liddiretturi ta` EIG biex tinfurmhom bid-decizjoni hawn annessa u mmarkata Dok "D"), u dan wara li fis-26 ta` April 2010 l-ISVAP kienet ordnat lill-EIG li ma tidholx f`aktar kuntratti fl-Italja (Kopja tal-provvediment mahrug mill-Istituto per la Vigilanza sulle Assicurazioni Private e di Interesse Collettivo ("ISVAP") fis-26 ta` April 2010 hawn anness u mmarkat bhala Dok "C"). LMFSA spjegat ir-ragunijiet li wasslu ghar-revoka tal-licenzja fid-dettal fl-ittra tal-10 ta` Gunju 2010 lid-diretturi ta` EIG (Kopja hawn annessa u mmarkata Dok "K").*

*13. Sussegwentement u b`effett mis-6 ta` Awwissu 2010, l-MFSA hatret lil Raphael Aloisio tad-ditta Deloitte (l-"Amministratur") biex jiehu f`idejh l attiv u l-kontroll tal-kummerc tal-EIG skont id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 28(1)(c) u 28(1)(d) tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap.403 tal-Ligijiet ta` Malta) (Kopja tal-ittra tal-hatra tal-Amministratur hawn annessa u mmarkata Dok "E"). Fis-17 ta` Ottubru 2011, l-Amministratur ipprezenta rapport finali lill-MFSA (Kopja hawn annessa u mmarkata Dok "L"), fejn identifika, fost affarijiet ohra, l-kwistjonijiet serji li kienet qed tiffaccja l-kumpannija.*

***Il-hatra ta` stralcjarju***

*14. B`effett mid-29 ta` Settembru 2011, ir-rikorrent Brian Tonna, CPA, ta` Nexia BT, The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq Taz-Zwejt, San Gwann SGN 3000 (l-"Istralcjarju") inhatar mill-MFSA bhala stralcjarju tal-EIG ai termini tal-artikolu 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap.403 tal-Ligijiet ta` Malta) ai fini tal-likwidazzjoni tal-affarijiet tal-EIG (Kopja tal-ittra tal-hatra tal-Istralcjarju hawn annessa u mmarkata Dok "F"). L-inkarigu tal-Amministratur gie fi tmiemu mal-hatra tal-Istralcjarju.*

***Dikjarazzjoni ta` stat ta` insolvenza***

*15. Il-verifiki li kien beda jaghmel l-Amministratur u li kompla jinvestiga u jevalwa l-Istralcjarju wasslu lill-Istralcjarju biex jikkonferma li l-EIG kienet fi stat ta` insolvenza qabel ma dahlet fl-amministrazzjoni. L-avviz dwar l-istat tal-insolvenza tal-EIG gie ppublikat fi tlett gazetti gurnalieri, jigifieri: The Times of Malta (fil-21 ta` Settembru 2012); In-Nazzjon (fis-26 ta` Settembru 2012); u l-Orizzont (fit-2 ta` Ottubru 2012), kif ukoll fuq is-sit elettroniku tal-EIG (Kopji tal-publikazzjonijiet hawn annessi u mmarkati bhala Dok "M" sa Dok "P").*

***Id-Diretturi kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu, li ma kien hemm l-ebda prospett xieraq li l-EIG tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza***

*16. Kif ser jirrizulta mill-provi, id-Diretturi, jew min minnhom, kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu qabel ix-xoljiment tal-EIG, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-EIG setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha.*

*17. Minkejja dan id-Diretturi baqghu jmexxu n-negozju ta` EIG birrizultat li t-telf zdied ferm aktar milli kellu. Kif juru l-kontijiet hawn annessi u mmarkati*

*Dok "P" sa Dok "T", l-EIG soffriet telf sostanzjali liema telf baqa` jizdied kull sena sa minn meta giet irregistrata u kemm qabel, kif ukoll wara, li bdiet tinnegozja.*

Rat ir-**risposta ta` Fabio Solano, Paolo Viscione, Vincenzo, Viscione u Bruno Lago** li kienet prezentata fit-28 ta` Marzu 2014 (fol 292) u li tghid:

*Eccezzjonijiet*

*1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament in-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` dawn il-Qrati billi l-forum kompetenti biex tisma` din il-kawza a tenur tal-Art. 5 tar-Regolamenti44/2001 hija dik Taljana u dana mhux biss billi l-intimati kollha huma residenti fl-Italja izda anke billi jidher li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma diretti lejn allegazzjoni ta` agir u azzjonijiet li sehhew l-Italja u mhux Malta – tant huwa hekk li l-kawza odjerna giet diretta biss lejn id-diretturi Taljani tal-kumpannija u mhux ukoll lejn id-diretturi Maltin.*

*2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament in-nuqqas ta` gurisdizzjoni anke minhabba l-lis pendens a tenur tal-Art 27 tar-Regolamenti 44/2001. U dana billi jidher li hemm kawzi fuq l-istess fatti gja` fl-Italja billi dawn l-akkuzi fil-fatt gew attribwiti wkoll lejn il-figura tal-Amministratur tal-Kumpannija (precedessur tal-likwidatur), fost il-kawzi li hemm l-Italja, inkluzi fost ohrajn kawza derivanti minn rapport maghmula minn EIG kontra Resciniti; u kawza ta` Cogesfin kontra l-Amministratur talkumpannija t-tnejn f`Ruma.*

*3. Illi fit-tielet lok selecta una via non datur recorsum ad alteram. L-esponenti gja` gie notifikat b`zewg kawzi ohra fejn l-allegazzjoni jitratta l-istess fatti u l-istess mertu u l-likwidatur attur ghalhekk ghandu jaghzel b`liema kawza jipprocedi.*

*4. Illi fir-raba` lok u bla pregudizzju ghal premess il-preskrizzjoni duennali billi jirrizulta li (a) l-MFSA appuntat Amministratur sabiex jiehu kontroll tal-kumpannija fis-6 ta` Awwissu 2010; u (b) l-Amministratur kien qed jipprospetta agir frawdolenti fir-rapport tieghu datat Ottubru 2011[1];*

*5. Illi fil-hames lok u qabel xejn fil-mertu huwa l-obbligu tallikwidatur rikorrenti jgib prova konklussiva tal-fatti kollha tal-kaz inkluz partikolarment li fil-fatt is-socjeta` European Insurance Group Limited kienet insolventi qabel ma l-MFSA u/jew l-Amministratur minnha appuntat ha kontroll effettiv tas-socjeta` - l-esponenti f`dan ir-rigward jissottomettu li ssocjeta` saret insolventi biss minhabba l-interferenza negligenti tal-MFSA u/jew l-Amministratur;*

*6. Illi fis-sitt lok u qabel xejn fil-mertu huwa l-obbligu tal-likwidatur rikorrenti jindika x`inhi l-allegazzjoni diretta fil-konfront ta` kull intimat biex dawn ikunu f`pozizzjoni li jressqu l-eccezzjonijiet u provi appoziti ghal dawk l-allegazzjonijiet u b`hekk il-Qorti tkun tista` taghti smigh xieraq lill-esponenti;*

[1] Sottolinear tal-Qorti peress illi din is-sentenza parzjali tittratta unikament din l-eccezzjoni

*7. Illi l-esponenti jinsistu li ma huwiex sewwa li huma kollha jigu mharrka u t-tajn mwaddba b`mod indiskriminat u bl-iktar mod nebuluz fuq kulhadd meta evidentement l-intimati kollha kellhom rwoli differenti filkumpannija. Partikolarment kontra whud mill-intimati u terzi ohra qabel ma gie mahtur amministratur izda mal-hatra tieghu l-amministratur ma ghamel xejn u bl-ebda mod ma mexxa dawk il-kawzi;*

*8. Illi fis-seba` lok u fil-mertu l-pretenzjoni tal-likwidatur giet mressqa unikament bhala tarka biex jostor l-izbalji fatali li saru mill-amministratur tal-kumpannija mahtur mill-MFSA u l-istess MFSA li waqfet diversi pagamenti necessarji milli jsiru;*

*9. Illi fit-tmien lok u bla pregudizzju ghal premess l-esponenti jichdu kategorikament li kienu b`xi mod responsabbli ghall-fatti kif allegati mir-rikorrenti, liema allegazzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*10. Illi fid-disgha lok l-esponenti jopponu ghall-ispejjez inutli li qed jikkawza l-likwidatur billi ghamel tlett kawzi l-intimati meta seta` facilment ipproceda b`kawza wahda u b`hekk naqqas l-ispejjez ghal kulhadd. Partikolarment in kwantu l-likwidatur qieghed jallega li l-kumpannija hija nsolventi ghandu jaghti garanzija tajba li meta jirrizulta li l-esponenti ma jahtu xejn ghall-allegazzjonijiet tieghu huwa jkun f`pozizzjoni li jirrifondi lura l-ispejjez gudizzjarji extra gudizzjarji lill-esponenti;*

*11. Salv eccezzjonijiet ohra skont il-ligi.*

*Dwar il-fatti*

*12. Illi l-fatti deskritti b`mod lakoniku fl-ewwel hames paragrafi tar-rikors attrici ma humiex kontestati;*

*13. Illi dwar is-sitt u s-seba` paragrafu attrici sta ghall-likwidatur igib prova li l-kumpannija EIG fil-fatt hija nsolventi u inoltre li din l-insolvenza ma kinitx ikkagunata minhabba l-izbalji, serji maghmula kemm mill-MFSA u kemm mill-Amministratur minnha mahtur. Sa kemm l-esponenti kellhom il-kontroll effettiv tas-socjeta` EIG ma kinitx fi stat insolventi, izda kellha assi likwidi ta` `l fuq minn tlettax-il miljun Euro. Sa kemm l-esponenti kellhom xi kontroll tal-kumpannija l-falliment tal-EIG ma kinitx inevitabbli. Kien proprju ghalhekk li l-intimati Bruno Lago kien ha rrwol ta` managing director fl-ahhar xhur izda kienet l-awtorita` MFSA stess li fixklet ix-xoghol tieghu billi kienet qed topponi ghal kull pagament inkluz pagamenti necessarji u nkontrovertibbli bhal hlasijiet ta` taxxa;*

*14. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi tmienja sa ghaxra ma humiex kontestati;*

*15. Il-fatti deskritti fil-hdax-il paragrafu huma kontestati u sta ghar-rikorrenti jgib prova ghall-allegazzjoni tieghu dwar l-imsejjha diretturi mohbija;*

*16. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi tnax sa erbatax ma humiex kontestati ghalkemm irid jinghad li dawn id-decizjonijiet taw lok ghal kawzi f`diversi Qrati u Tribunali f`diversi fora;*

*17. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafu hmistax huma kontestati fis-sens li sta ghar-rikorrenti jgib prova tal-insolvenza minnu allegata u ta` min din l-insolvenza hija t-tort; jigi rilevat inoltre li minkejja li l-amministratur mahtur mill-MFSA iddikjara li l-EIG kienet insolventi madwar sentejn ilu sal-lum il-likwidatur ghadu qatt ma pproduca rendikont tal-amministrazzjoni tieghu fejn iddikjara dan formalment.*

*18. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafu sittax huma assolutament infondati. Sta ghal-likwidatur rikorrenti sabiex qabel xejn jispjega rrizultanzi tieghu b`mod dettaljat u jorbot dawn ir-rizultanzi specifikament mal-intimati esponenti mhux jillimita ruhu ghal dikjarazzjonijiet generici;*

*19. Illi jekk xi hadd agixxa b`mod hazin kien l-Amministratur li halla u gab fix-xejn dawk il-passi li l-esponenti kien ha sabiex jipprova s-sitwazzjoni, illi l-esponenti (jew uhud minnhom) gja` kienu soggetti ghalinvestigazzjoni mill-awtoritajiet Taljani li fl-ahhar mill-ahhar u ma nstab xejn fil-konfront taghhom;*

*20. Illi fir-realta` jrid jinghad li qari korret tar-rapport tal-Amministratur jikkonferma li l-problemi kollha tal-EIG nhalqu meta l-MFSA ndahlet fil-gestjoni tal-kumpannija u waqfet pagamenti essenzjali bhal pagamenti tat-taxxi u dawk ghal servizzi essenzjali u baqghet izzomm dawn il-pagamenti minkejja diversi nterpellanzi. Dan kollu kif sahansitra jirrizulta mir-rapport ahhari tal-Amministratur;*

*21. Illi inoltre l-Amministratur kien ghamel divresi sejhiet fl-Italja li waslu ghal "paniku" u possibilment agir frawdolenti mill-policyholder ta` assikurazzjoni mill-Kumpannija, billi fil-perijodu li l-Amministratur kellu l-gestjoni tal-kumpannija is-sejhiet li saru ghall-hlas fuq poloz kien ferm iktar (kwazi d-doppju) mis-sejhiet li kienu jsiru precedentement.*

*22. Jirrizulta ampjament mid-dikjarazzjonijiet tal-istess Amministratur partikolarment fil-Final progress report 17 October 2011 illi sabiex jevita r-responsabbilta` ghall-izbalji tieghu jakkuza lil kulhadd bi zbalji, huwa sinifikattiv infatti li sahansitra jasal biex jakkuza l-avukati Taljani mqabbda minnu stess bi frodi u qerq. Intant jigi rilevat li l-esponenti gew skagonati minn kull htija l-Italja meta l-prosekutur Taljan iddecieda ma jipprocediex bl-akkuzi li tressqu kontrihom u dana wara investigazzjoni approfindita.*

*23. Iktar minn hekk jigi rilevat li l-amministratur u l-likwidatur jahtu talli ma hadux passi sabiex jassiguraw li d-debituri principali tas-socjeta` EIG Ltd. ihallsu d-djun taghhom skont il-ligi.*

*24. Illi fl-ahhar mill-ahhar ghandu jirrizulta ampjament li l-esponenti Bruno Lago gie mdahhal f`dawn il-proceduri semplicement bhala stratagemma tal-likwidatur sabiex ma jhallasx id-djun (inkluz ta` pagi mhux imhallsa) li huma*

*dovuti lill-esponenti u li l likwidatur qed jirrifjuta jirrikonoxxi illegalment u minghajr ebda raguni valida fil-ligi.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tar-rikorrenti.*

Rat ir-**risposta tal-intimat Enzo Resciniti** li kienet prezentata fis-17 ta` Frar 2014 (fol 226) li tghid:

*01 Illi preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju, qed tigi ssollevata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni u kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti biex tisma` u tiddeciedi r-rikors fl-ismijiet premessi;*

*02 Illi dan stante illi l-esponenti, Enzo Resciniti, jirrisjedi fl-Italja u senjatament f`Via di Casal Bruciato Nro 10, Roma, u dan kif jidher ben evidenzjat mill-kopja tal-karta tal-identita` Taljana tal-istess esponenti li qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument 'ER01';*

*03 Illi in vista tal-fatt li l-esponenti ma jirrisjedix Malta u stante l-fatt li dan ir-rikors huwa talba ghad-dikjarazzjoni ta` responsabbilita` u ghall-hlas tal-attiv tas-socjeta`, European Insurance Group Limited (C-35708), allura din l-Onorabbli Qorti m`ghandha ebda gurisdizzjoni u m`hijiex kompetenti sabiex tisma` u tiddeciedi dan ir-rikors;*

*04. Illi wkoll in via preliminari u assolutament ukoll minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-kwistjoni dwar l-allegat nuqqas da parti talintimat, Enzo Resciniti, diga` giet deciza minn Qorti Taljana u senjatament mit-Tribunale di Roma Terza Sezione Civile permezz ta` sentenza moghtija mill-istess tribunal fit-2 ta` Mejju 2013, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument ER02;*

*05. Illi assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, jekk stess kien hemm xi nuqqas da parti ta` xi hadd, dan in-nuqqas zgur ma jahtix ghalih l-esponenti u dan stante li hu qatt ma kellu x`jaqsam xejn mas-socjeta` Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit) li kienet il-broker tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) u li l-fatt ghandha tinzamm responsabbli ghall-akkadut fil-konfront ta` European Insurance Group Limited (C-35708);*

*06 Illi l-esponenti qatt ma okkupa rwoli ufficjali fis-socjeta` Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit) li fil-fatt ghandha tinzamm responsabbli in pieno ghall-akkadut, ghal liema akkadut l-esponent zgur qatt ma kellu x`jaqsam xejn mieghu, wisq inqas ma jista` jigi qatt ippruvat li l-istess esponenti seta` qatt kellu xi intenzjoni frawdolenti, kif qed jimplika r-rikorrenti;*

*07 Illi tajjeb li jigi rilevat li l-lat finanzjarju tas-socjeta` Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit), li fil-fatt kienet u ghandha tinzamm responsabbli ghall-akkadut, kien jiggestih l-intimat l-iehor u cioe` Paolo Viscione, u definitivament mhux l-intimat;*

*08 Illi l-esponenti qatt ma kellu poter li jaccedi ghall-informazzjoni fir-rigward tal-kontijiet bankarji tal-istess Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit) u qatt ma kellu l-jedd li jiffirma sabiex jeffetwa prelevamenti jew depoziti ta` fondi fil-kont tal-istess Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit), wisq inqas johrog xi cekkijiet tal-istess Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit);*

*09. Illi in vista tal-premess, u in vista tal-fatt li s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha s-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) hija htija esklussivament tas-socjeta` Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit) u in vista tal-fatt li l-esponenti qatt ma kellu ebda rwol ufficjali fl-istess socjeta` Novvosad Insurance and Financial Services Limited (Socjeta` rregistrata fir-Renju Unit), l-agir tal-esponenti qatt u f`ebda punt ma jista` jitqies bhala li jilledi b`xi mod id-doveri tal-istess intimat fil-konfront tar-rikorrenti;*

*10. Illi inoltre l-kondotta tal-istess esponenti zgur u f`ebda punt ma tista` titqies li setghet qatt saret b`xi intenzjoni frawdolenti jew inkella b`xi mod tmur kontra d-doveri tieghu ta` direttur u minhabba f`hekk it-talba li qed jaghmel ir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat, Enzo Resciniti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;*

*11. Illi l-mod kif mexa l-esponenti b`mod ma jista` qatt u b`ebda mod jinkwadra ruhu f`ambitu ta` kondotta li a bazi taghha din l-Onorabbli Qorti tista` b`xi mod thoss ruhha gustifikata li 'it lifts the corporate veil', kif donnu qed jitlob l-istess rikorrenti, meta talbet lil din l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat ihallas lura l-attiv tas-socjeta` rikorrenti, meta fil-fatt l-esponenti qatt ma kkontrobwixxa ghal tali attiv, wisq inqas kellu xi sehem minnu ;*

*12. Illi dak li nghad fi-paragrafu precedenti jissahhah minhabba l-fatt li tali ordni tal-Qorti, jekk stess tinghata, teffetwa b`mod mhux ekwu l-protezzjoni li taghti l-ligi lill-ufficjali ta` kumpannija li jispiccaw vittma tac-cirkostanzi, bhala ma gara fil-kaz tal-esponenti;*

*13. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandha tingieb prova fin ghall-grad rikjest mil-ligi tal-quantum tad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708);*

*14. Illi, minghajr pregudizzju, l-allegazzjonijiet kif imnizzla fil-paragrafi 16 u 17 tar-rikors originali, qed jigu michuda bl-akbar qawwa u zgur li b`ebda mod dawk l-allegazzjonijiet ma jistghu b`xi mod jigu anke remotament imputabbli lill-intimat, Enzo Resciniti, u dan anke in vista tal-fatt li l-fatti li setghu pprecipitaw is-sitwazzjoni, okkorrew qabel ma l-istess intimat, Enzo Resciniti, gie appuntat direttur u cioe` Lulju 2009;*

*15. Illi, minghajr pregudizzju, tajjeb li jigi ssollevat li l-intimat, Enzo Resciniti, fil-fatt kull ma ghamel bhala direttur kien biss hdax-il xahar, perijodu li seta` jintuza biss mill-intimat sabiex jambjenta ruhu dwar issitwazzjoni u zgur qatt*

*ma tista` titqies bhala sufficjenti li jittiehdu xi passi rimedjali da parti tal-istess intimat, Enzo Resciniti;*

*16. Illi in vista ta` dan zgur ma seta` la qatt kellu b`xi mod x`jaqsam mal-akkadut izda dahal fuq 'fait accompli', li minkejja l-isforzi tieghu biex forsi jsalva s-sitwazzjoni, is-sitwazzjoni kienet iddeterjorat b`mod tali, li l-istess intimat ma seta` fil-fatt jaghmel xejn konkret dwarha u dan anke in vista tal-perijodu pjuttost qasir (hdax-il xahar) (li hames xhur minnhom kien sorveljat minn ufficjali tal-ISVAP u l-Guardia di Finanza, li jfisser li l-perijodu effettiv tat-tmexxija tal-istess Enzo Resciniti kien biss ta` tmienja jew disa` xhur) li fil-fatt dam bhala direttur tas-socjeta` rikorrenti;*

*17. Illi ghalhekk l-intimat, Enzo Resciniti, zgur u b`ebda mod ma seta` jaghmel xejn sabiex b`xi mod jirranga s-sitwazzjoni, kif qed tippretendi l-istess rikorrenti;*

*18. Illi minhabba f`hekk l-istess intimat, Enzo Resciniti, b`ebda mod ma jista` jitqies li qatt seta` b`xi mod kellu x`jaqsam mal-akkadut, u dan apparti dak li ser jigi ribadit f`dan ir-rigward fil-paragrafu sussegwenti;*

*19. Illi, minghajr pregudizzju, oltre dak rilevat fil-paragrafu precedenti, tajjeb li jigi rilevat, li fid-29 ta` Marzu 2010, kienet saret spezzjoni da parti ta` ufficjali tal-ISVAP u tal-Guardia di Finanza Taljana u li minn dik id-data kulma sehh fis-socjeta`, European Insurance Group Limited (C-35708), sehh kompletament bil-kunsens u bl-approvazzjoni tal-istess ufficjali kemm tal-ISVAP, kif ukoll tal-Guardia di Finanza;*

*20. Illi ghalhekk effettivament il-perijodu totali ta` meta l-esponenti, Enzo Resciniti, kien direttur effettiv kien biss ta` madwar tmienja jew disa` xhur, perijodu li zgur u b`ebda mod ma jista` b`xi mod jitqies bhala sufficjenti sabiex l-agir tieghu jista` b`xi mod jipprecipita sitwazzjoni li ma kinitx ezistenti qabel ma lahaq l-istess esponenti u li ghalhekk ma jistax u b`ebda mod jinzamm responsabbli ghaliha;*

*21. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat illi din il-kawza qed tinstema' flimkien ma` l-kawza bin-numru 1083/2013ISB, bil-provi jkunu komuni u jghoddu ghaz-zewg kawzi.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi mressqa.

Rat is-sentenza *in parte* li nghatat minn din il-Qorti diversament preseduta u l-atti tal-Appell mill-istess sentenza, bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Lulju 2018.

Rat il-verbali tal-udjenzi, fosthom tal-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020 minn fejn jirrizulta illi l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni tal-

preskrizzjoni, u dak tal-ahhar udjenza tal-20 ta' Ottubru 2021 minn fejn jirrizulta illi l-kawza thalliet ghall-llum ghas-sentenza *in parte* wara illi d-difensuri tal-partijiet strahu fuq in-noti ta' osservazzjonijiet minnhom mressqa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet fir-rigward tal-eccezzjoni hawnekk diskussa u deciza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi uhud mill-intimati ecceppew illi din il-kawza hija preskritta bil-preskrizzjoni duennali billi jirrizulta li (a) l-MFSA appuntat Amministratur sabiex jiehu kontroll tal-kumpannija fis-6 ta` Awwissu 2010 u (b) l-Amministratur kien qed jipprospetta agir frawdolenti fir-rapport tieghu datat Ottubru 2011 filwaqt illi l-kawza giet intavolata fil-11 ta' Novembru 2013;

Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-intimati li ressqugha[2] ighidu fost ohrajn:

Illi huma konxji illi hemm sentenza ta' din il-Qorti[3] kif kkonfermata mill-Qorti tal-Appell[4] illi tmur kontra dak minnhom sostnut, izda illi din il-Qorti mhix marbuta b'dak hemmek deciz u dak hemmek deciz ma' jaghmilx stat fil-konfront tal-partijiet hawnekk.

Ulterjorment jargumentaw illi fis-17 ta' Ottubru 2011 l-amministraturi nominati mill-MFSA kienu ssottomettew rapport lill-MFSA fejn kienu ssollevaw illi setghu jittiehdu proceduri kontra ex-ufficjali tal-kumpannija EIG u kien biss fi-11 ta' Novembru 2013, allura aktar minn sentejn wara, illi giet intavolata din l-odjerna procedura.

Illi l-intimati de quo jsostnu illi huwa applikabbli l-Artiklu 2153 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex jsostnu illi fin-natura taghha, din hija azzjoni ghad-danni.

[2] Fabio Solano, Paolo Viscione, Vincenzo Viscione u Bruno Lago
[3] 61/2015JZM - deciza 8.03.2016
[4] deciza 18.07.2016

Minn naha tieghu, l-istralcarju jsostni illi fl-artikolu 316 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hemm l-ebda piena kriminali stabbilita, a kuntrarju tal-artiklu 315 li jittratta kummerc bi frodi.

Huwa jaghmel referenza ampja ghad-decizjonijiet tal-Ewwel Qorti u dik tal-Appell fil-kawza 61/2015JZM fl-ismijiet **Riċevitur Uffiċjali fil-kapaċita` tieghu ta' stralċjarju tal-kumpannija Smart Malta ICT Limited [C-41884] skond digriet datat 30 ta' Marzu 2010 vs i. Steve Alamango u ii. Geoffrey Farrugia** li essenzjalment tghid illi l-Artiklu 2153 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma hux applikabbli ghal kazijiet bhal dawn.

B'mod fattwali l-istralcarju rikorrenti ighid illi filwaqt illi l-amministratur kien ipprospetta agir frawdolenti fir-rapport tieghu lill-MFSA, il-kawza de quo hija ghal kummerc hazin u mhux kummerc bi frodi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi bhala fatti jirrizulta:

- Illi s-socjeta` European Insurance Group Limited (C35708) giet registrata f'Malta mal-MFSA fil-21 ta' Frar 2005.

- Illi l-fuq minn sentjen wara, precizament fit-22 ta' Novembru 2007, il-kumpannija msemmija otteniet licenzja t'assikurazzjoni mill-awtoritajiet Maltin.
-
  Illi gara pero` illi fis-26 ta' April 2010, is-socjeta` de quo giet projbita milli topera fl-Italja u gimghat wara, fit-12 ta' Lulju 2010, l-MFSA irtirat il-licenzja li kienet harget.

- Anqas minn xahar wara, precizament fis-6 ta' Awissu 2010, l-MFSA poggiet lill-kumpannija de quo f'amministrazzjoni u nhatar ghal dan il-ghan l-awditur Raphael Aloisio.

- Fid-29 ta' Settembru 2011, l-MFSA hatret str alcarju tal-kumpannija fl-isem ta' Brian Tonna u gimghat wara, l-amministratur irraporta illi in segwitu ghal allegazzjoni ta' frodi da parti ta' uhud mill-ufficjali tal-kumpannija, saru arresti fl-Italja u kienu ttiehdu passi kriminali fl-Italja. Talab ghalhekk lill-istralcarju sabiex jara iridx jinvestiga dan l-agir u jiehu l-passi li kien jidhrilu opportun.

- Fil-11 ta' Novembru 2013 giet ntavolata din l-odjerna kawza, ai termini tal-artiklu 316 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-**Artiklu 2153 tal-KAP 16** tal-Ligijiet ta' Malta, ighid:

*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

Illi l-**Artiklu 316 tal-KAP 386** tal-Ligijiet ta' Malta ighid:

*(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta kumpanija tkun ġiet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setgħat tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha.*

*(2) Il-qorti, fuq ir-rikors tal-istralċjarju ta' kumpanija li għaliha japplika dan l-artikolu, tista' tiddikjara li persuna li kienet direttur kif imsemmi fis-subartikolu (1) tkun responsabbli li tagħmel pagament favur l-attiv tal-kumpanija kif il-qorti jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-qorti ma għandhiex tilqa' rikors taħt dan l-artikolu jekk tkun sodisfatta li l-persuna li kienet direttur kienet taf li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha u skont dan tkun ħadet kull pass li kellha tieħu sabiex tnaqqas it-telf potenzjali għall-kredituri tal-kumpanija.*

*(4) Għall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3), il-fatti li direttur ta' kumpanija għandu jkun jaf jew jaċċerta ruħu minnhom, il-konklużjonijiet li għandu jilħaq u l-passi li għandu jieħu huma dawk li jkunu magħrufa jew aċċertati, jew li jintlaħqu jew jittieħdu, minn persuna li b'mod raġonevoli tkun diliġenti li jkollha kemm -*

*(a) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li b'mod raġonevoli jkunu mistennija minn persuna li tmexxi l-istess funzjonijiet kif jitmexxew minn jew mogħtija lil dak id-direttur fir-rigward il-kumpanija; kif ukoll*

*(b) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li għandu d-direttur.*

*(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, direttur jinkludi persuna li skont id-direzzjoni jew istruzzjonijiet tagħha d-diretturi tal-kumpanija normalment jaġixxu.*

Din il-Qorti mhix ser ittawwal wisq, ghaliex hija taqbel ma' dak deciz fil-kawza 61/2015JZM fl-ismijiet **Riċevitur Uffiċjali fil-kapaċita` tieghu ta' stralċjarju tal-kumpannija Smart Malta ICT Limited [C-41884] skond digriet datat 30 ta' Marzu 2010 vs i. Steve Alamango u ii. Geoffrey**

**Farrugia** u ma thossx illi ghandha tiddipartixxi minn dak l-insenjament, liema insenjament din il-Qorti qed taghmlu taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment ghalhekk**:

Illi ghalkemm l-Artiklu 316 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel parti mill-Kapitolu V tal-istess Kapitolu, il-legislatur ma stabilixxa l-ebda piena kriminali jekk jirrizulta ppruvat dak li tghid din id-disposizzjoni, bhal per ezempju kif ghamel fil-kaz ta` kummerc bi frodi kontemplat fl-Artiklu 315 tal-istess KAP 386. B'dana kollu irid jinghad illi l-Artiklu 316 jifforma parti mill-Kapitolu V u kwindi l-kummerc hazin huwa u jibqa' meqjus bhala reat skont il-Kapitolu msemmi.

Illi l-intimati indikati ressqu l-eccezzjoni u jispetta lilhom illi jressqu l-prova dwarha.

> *"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*[5]

Illi minn natura taghha, eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tinghata nterpretazzjoni restrittiva u ghalhekk, f'kaz ta' dubbju japplikax jew le perjodu preskrittiv, id-dubbju jmur kontra l-eccezzjoni mressqa.

> *Il-preskrizzjoni ghandha tinghata nterpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni.*[6]
>
> *Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.*[7]

Din il-**Qorti** diversament preseduta fil-kawza 61/2015JZM qalet hekk fis-sentenza taghha tat-8 ta' Marzu 2016:

> *Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi din id-disposizzjoni ma tistax tigi nvokata fil procediment tal-lum.*

---

[5] Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe, 1656/2001JRM, deciza 30.10.2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili

[6] Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, 99/2001JRM, deciza 12.10.2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili

[7] Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe , 53/93JDC, deciza 8 .05.2001 mill-Qorti tal-Appell

***Dan tal-lum huwa procediment sui generis volut minn lex specialis u cioe` il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.***

*Ghal dan il-procediment ma tistax tigi estiza l-preskrizzjoni tas-sentejn skont id-disposizzjoni citata mill-intimati ghal zewg ragunijiet ewlenin.*

***Fl-ewwel lok**, din tal-lum mhijiex azzjoni ghal hlas ghal hsarat komunement maghrufa bhala danni.*

*Minn qari akkurat tal-**Art 316(2) tal-Kap 386**, jirrizulta li jekk il-Qorti ssib li huma sodisfatti r-rekwiziti tas-subartikolu (1) allura dak li **tista`** taghmel il-Qorti huwa li tiddikjara li persuna li kienet direttur … tkun responsabbli li taghmel **pagament** favur l-attiv tal-kumpannija kif il-qorti jidhrilha xieraq.*

*Id-disposizzjoni mhijiex titkellem dwar hlas ghal hsarat izda dwar pagament. Il-kwistjoni mhijiex wahda ta` what`s in a name izda wara l-uzu tal-kelma pagament hemm hsieb car u manifest ta` x`ried il-Legislatur.*

***Huwa evidenti illi l-Legislatur ma riedx illi jkun hemm kwantifikazzjoni ta` danni skont il-parametri previsti mill-Kap 16 izda ried ihalli lill-Qorti diskrezzjoni illi anke fil-kaz li tkun sodisfatta li jirrizultaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (1) tkun il-Qorti (a) li taghzel li jsir pagament u (b) jekk taghzel li jsir hekk, kemm ghandu jkun il-quantum.***

*Il-lex generalis tad-danni skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 16 mhux hekk tahdem.*

*Ghalhekk dawk id-disposizzjonijiet mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum.*

***Fit-tieni lok**, abbazi tal-lex specialis dak kontemplat mill-Art 316 huwa reat kif fissret il-Qorti aktar kmieni. Anke ghalhekk l-Art 2153 tal-Kap 16 ma jistax jigi nvokat.*

Il-**Qorti tal-Appell**, fid-decizjoni taghha tat-18 ta' Lulju 2017, abbraccjat dak li qalet l-Ewwel Qorti, u qalet:

*Fir-rigward tal-preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, **din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti** li l-azzjoni attriċi ma hijiex waħda għall-"ħlas ta' ħsarat" mhix ikkaġunati b'reat. L-attur, f'isem is-soċjeta` issa fi stralċ, mhux qed jitlob ħlas ta' danni fis-sens li tiftiehem din il-frażi fl-ordinament ġuridiku Malti. L-attur qed jitlob li l-konvenuti jikkompensaw lill-istess soċjeta` talli, konsegwenza tal-aġir tagħhom, din spiċċat b'passiv li jissupera l-attiv. Azzjoni normali ta' danni tista' tintalab minn kull vittma, anke jekk huwa jkollu assi personali biżżejjed biex iħallas kull dejn li għandu. F'din l-azzjoni, il-kontribuzzjoni tista' tintalab biss meta l-passiv jissupera l-attiv, u tintalab preċiżament bi skop li jitħallsu d-djun tal-kumpanija. L-iskop u n-*

*natura taż-żewġ azzjonijiet huma differenti. Din l-azzjoni ma hijiex waħda għad-danni per se, iżda biex id-direttur responsabbli jagħmel pagament favur l-attiv tal-kumpanija, u dan fl-interess tal-kumpanija u biss meta din tkun waqfet topera.*

*Kif intqal fil-ktieb "Farrars' Company Law" (paġna 739) li għalih saret anke referenza mill-appellant Farrugia:*

> *"Once liability is established, the extent of any contribution to the company assets is a matter for the court's discretion and the aim here is primarily compensatory rather than penal to ensure that any depletion of the assets attributable to the period of wrongful trading is made good."*

*L-iskop ta' din il-kontribuzzjoni hija, biex ngħidu, "to balance the books", u mhux bħala kumpens għad-danni kkaġunati. Tnaqqis li issofri soċjeta` fil-bilanċ tagħha, ma hux danni, iżda żbilanċ li, f'każ ta' kummerċ ħażin, u f'każ biss ta' stralċ tas-soċjeta`, irid jagħmel tajjeb għalih id-direttur responsabbli. Diment li s-soċjeta` tkun għadha topera, dan l-iżbilanċ fil- kotba tal-kumpanija ma jitqiesx "danni" li xi ħadd ikun irid jagħmel tajjeb għalih, iżda parti mill-operazzjoni tan-negozju, xi kultant indotta volontarjament għall-fini ta' benefiċċju fiskali. L-iżbilanċ, għalhekk mhux "ħsara" fis-sens tal-Artikolu 2153 imsemmi, iżda nuqqas ta' parita` bejn l-attiv u passiv li tħalla jipperdura meta d-direttur kien jaf jew seta' kien jaf li dak l-istat ta' insolvenza ma kienx realistikament possibbli li jitwarrab.*

Din il-Qorti kif preseduta taghmel taghha dan kollu u ma jibqghala xejn aktar xi zzid mal-insenjament car u precis taz-zewg Qrati kif hawn fuq kkwotat u citat. Din il-Qorti jidhrilha illi l-materja legali hawnekk diskussa giet ampjament spjegata u ben motivata fis-sentenzi hawn fuq citati, taqbel perfettament mal-hsieb u r-ragunament legali li wassal ghal dik id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta u konfermata mill-Qorti tal-Appell, u ghalhekk ser tghaddi biex tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hawnekk sollevata.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi ir-raba' eccezzjoni tal-intimati Fabio Solano, Paolo Viscione, Vincenzo Viscione u Bruno Lago kif kontenuta fir-risposta guramentata taghhom a fol 292 et seq. billi tichadha u tiddikjara illi l-odjerni proceduri <u>ma humiex</u> preskritti ai termini tal-Artiklu 2153 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, u tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni taghha fil-mertu.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jkunu a karigu tal-intimati Fabio Solano, Paolo Viscione, Vincenzo Viscione u Bruno Lago flimkien u in solidum bejniethom.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |